# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 40/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Sciberras)**

**Vs**

**Clifton Attard**
**(K.I. 0451890M)**

**Illum, 09 ta' Jannar, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Clifton Attard** ta' 25 sena, iben Edwin u Carmen xebba Scicluna, imwieled Żabbar fil-21 ta' Settembru 1990 preżentement residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **0451890M** fejn huwa ġie akkużat talli:

1. Bejn 30 u 31 ta' Ottubru 2012 ikkommettejt serq ta' makkinarju u apparat elettroniku u/jew oġġetti oħra minn ġewwa stabbiliment '**Debono Carpet Centre'** Triq Testaferrata, Ta' Xbiex/Msida, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37ċ għad-detriment ta'

Anthony Debono detentur tal-karta tal-identità numru 0277856M u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entità, u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data u ċirkostanzi volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tiskorri €116.47ċ iżda mhux aktar minn €1,164.69 għad-dannu ta' Anthony Debono detentur ta' karta tal-identità numru 0277856M u/jew ta' xi persuna/i, u ta' xi entità, u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli bejn 12 u 14 ta’ Ġunju 2010 ikkommettejt serq ta' apparat elettroniku u/jew oġġetti oħra minn ġewwa “**Ta' Xbiex Aquatic Club,”** Ta' Xbiex, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Ħin, bil-Valur li ma jeċċedix l-ammont ta €2,329.37 għad-detriment ta' Ġużeppi Dalli detentur tal-karta tal-identità numru 0747045M u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

4. Talli fl-istess data u ċirkostanzi volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tiskorri €116.47 iżda mhux aktar minn €1164.69ċ għad-dannu ta' Ġużeppi Dalli detentur ta' karta tal-identità numru 0747045M u/jew ta' xi persuna/i, u jew ta’ xi entità u/jew entitajiet oħra;

5. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Art. 22 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. L Quintano datata 20 ta' Mejju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba titratta ma' **Clifton Attard** bħala **reċidiv** ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi nhar id-9 ta' Marzu 2019,[1] l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Clifton Attard jiġi ġġudikat minnha stess billi jidhirlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub, kollettivament:-

- Fl-artikoli 261(b), 261(ċ), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (kif kien eżistenti qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014);

- Fl-artikoli 261(b), 261(ċ), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (kif kien eżistenti qabel l-emendi tal-Att XXIV tal-2014);

- Fl-artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Ara fol. 360 tal-atti proċesswali.

- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, l-istess Clifton Attard ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-każ *de quo* jirrelata għal żewġ serqiet li seħħew f'żewġ bnadi u fi ġranet differenti. L-ewwel serqa hija dik li seħħet bejn it-12 u l-14 ta' Ġunju 2010 mill-istabbiliment Ta' Xbiex Aquatic Club, ġewwa Ta' Xbiex u it-tieni serqa hija dik li seħħet bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 2012 minn Ġewwa l-istabbiliment Debono Carpet Centre, Ta Xbiex ukoll.

Illi dawn iż-żewġ serqiet għamlu żmien "unsolved" iżda l-ispettur Carlos Cordina xehed[2] u qal li dawn l-investigazzjonijiet kienu tiegħu u rċieva informazzjoni li Clifton Attard seta kien involut fihom. Fuq din l-informazzjoni bagħat għalih biex jinvestigah u l-akkużat ċaħad l-involviment tiegħu fihom. Fiflatt qal li fis-16 ta' Novembru 2015 ħadlu

[2] Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2016, a fol. 207 tal-atti proċesswali.

stqarrija iżda l-akkużat eżerċita d-dritt tiegħu li jibqa' sieket ħlief li ta l-kunsens tiegħu sabiex jittieħdulu l-impronti diġitali.[3] Sussegwentement, huwa akkużat lil Clifton Attard quddiem din il-Qorti bir-reati odjerni.

Xehed ukoll PC327 Sean Pace[4] fejn qal dakinhar tas-16 ta' Novembru 2015 hu, flimkien ma' PS 90 Jeffrey Gerada u l-akkużat Clifton Attard irrikorrew kemm fuq il-post ta' *Debono Carpet Centre* kif ukoll fuq il-post ta' *Ta Xbiex Aquatic Club* u staqsewh jekk jafx xi ħaġa. Hu stqarr magħhom li qatt ma resaq lejn dawk fiż-żewġ postijiet.

**Is-serqa' minn "Ta' Xbiex Aquatic Club" :**

Illi fir-rigward tal-ewwel serqa, l-Ispettur Jesmond Micallef xehed[5] illi nhar l-14 ta' Ġunju 2010, il-parte ċivile Giuseppe Dalli kien irrapporta li xi ħadd mhux magħruf daħal fil-fond Ta Xbiex Aquatic Club u minn hemm ġew ittieħed sett tat-televiżjoni ta' 42 pulzier li kien imwaħħal mal-ħajt u li kien għadu relattivament ġdid. Kien jidher li l-malvivent skala minn mal-ħajt ta' barra u tela' fuq il-bejt tal-fond. Minn hemmhekk qala' t-tamboċċ u aċċeda għal ġol-ħanut billi niżel fuq mejda li kien hemm ġewwa. Fuq il-post mar PS 69 Jesmond Cremona, li fix-xhieda tiegħu[6] ikkonferma li l-unika ksur li kien hemm kien fit-tamboċċ.

Irriżulta li dan il-każ inħadem mill-pulizija u ma nfetħitx inkjesta. Fil-fatt fuq il-post marru l-uffiċjali tax-Xena tad-Delitt, fosthom PS 171 Karl Glanville fejn xehed[7] li hu mar fuq il-post tas-serqa biex jagħmel xogħol b'rabta max-Xena tad-Delitt u ġibed tnax-il ritratt kif ukoll eleva sitt *lifters* kontenenti impronti diġitali li nstabu fil-fond.

Xehed ukoll Giuseppe Dalli[8] fejn qal li dak iż-żmien hu kien imexxi l-istabbiliment ta' Ta Xbiex Aquatic Club. Qal li t-televiżur misruq kien ġdid

[3] Ara fol. 22 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda mogħtija fil-21 ta' April 2016, a fol. 151 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija fil-21 ta' April 2016, a fol. 142 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fis-6 ta' Marzu 2016, a fol. 26 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016, a fol. 201 tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Marzu 2016, a fol. 131 tal-atti proċesswali.

u ħadmu bih biss jumejn qabel ma nsteraq. Hu kkonferma li l-valur tat-televiżur kien ta' €600. Qal ukoll li biex daħlu fil-ħanut, qalgħu it-tamboċċ u kellu spiża ta' madwar €150 sabiex jirranġaħ u jagħmel anke gradilja.

Illi fis-17 ta' Frar 2017, l-espert Joseph Mallia ħa l-impronti diġitali tal-akkużat bil-għan li jqabbilhom mal-*lifters* elevati mill-istabbiliment ta' Ta Xbiex Aquatic Club. Hu ppreżenta r-rapport tiegħu nhar id-29 ta' Marzu 2017[9] fejn ikkonkluda s-segwenti:

> *"Illi t-tieni (2) l-impronta li tidher żviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 10 BDL 303, ġiet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir (plain impression) tal-id il-leminija ta' Clifton Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 451890(M)"* (emfasi tal-Qorti)

**Is-Serqa minn "Debono Carpet Centre" :**

Illi fir-rigward tat-tieni serqa, l-ispettur ispettur Jesmond Micallef xehed[10] illi fil-31 ta' Ottubru 2012 il-parte ċivile Anthony Debono irrapporta li xi ħadd mhux magħruf kien daħal ġewwa l-ħanut tiegħu billi kisser il-bieb ta' barra, li kien tal-ħġieġ. Minn hemmhekk ittieħdulu diversi affarijiet fosthom makkinarju li jintuża fil-manifattura tat-twapet; sett tat-televiżjoni u printer/scanner. L-istess Debono kien il-persuna li għalaq il-ħanut fit-30 ta' Ottubru 2012 u l-ewwel wieħed li fetħu fil-31 ta' Ottubru 2012. PC 982 Joseph Muscat xehed[11] li mar fuq il-post ftit ħin wara li sar ir-rapport u seta jikkostata li kien hemm il-bieb ta' barra tal-ħġieġ imkisser.

Illi Anthony Debono xehed[12] fejn qal illi mill-istabbiliment li kien imexxi ta' Debono Carpet Centre insterqet magna tal-ħjata tat-tapiti b'valur ta'

---

[9] Ara dok "JM1" a fol. 233 tal-atti proċesswali.
[10] Ara x-xhieda mogħtija fil-21 ta' April 2016, a fol. 142 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Marzu 2016, a fol. 118 tal-atti proċesswali.
[12] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Marzu 2016, a fol. 123 tal-atti proċesswali.

madwar €4,200; sett tat-televiżjoni li jiswa madwar €200 u scanner[13]. Qal li d-danni fil-bieb tal-ħġieġ kienu ta' madwar €100 jew €150. Illi l-espert tal-Qorti Charles Azzopardi, madanakollu xehed[14] u ppreżenta r-rapport tiegħu[15] fejn ikkonkluda li l-valur tal-magna bid-*depreciation value* meta ġiet misruqa kien ta' €1,978.20.

Illi b'differenza mis-serqa preċedenti, f'dan il-każ kienet infetħet inkjesta mill-Maġistrat, illum Imħallef, Onor. Dr. Doreen Clarke fejn ħatret diversi esperti, fosthom l-uffiċjali tax-Xena tad-Delitt PS 644 Evan Camilleri u PC 637 Kevin Manicolo li ħadu sittax-il ritratt kif ukoll *lifter* wieħed ta' impronti diġitali li ttieħed minn fuq kexxun tal-injam ġewwa l-imsemmi fond. Illi l-*proces-verbal* relattiv ġie eżebit in atti fis-17 ta' Marzu 2016.[16]

Illi l-ispettur Carlos Cordina xehed li meta kiseb informazzjoni li Clifton Attard seta' kien involut anke f'din is-serqa, il-Maġistrat Inkwirenti ġiet mitluba tinnomina espert għall-finijiet ta' komparazzjoni tal-impronti diġitali ta' Clifton Attard mal-*lifter* elevat mill-fond Ta' Xbiex Aquatic Club.[17] Filfatt, fid-09 ta' Diċembru 2015, l-espert Joseph Mallia eleva l-impronti diġitali ta' Clifton Attard.[18] Sussegwentement, fit-12 ta' Jannar 2016 hu ppreżenta r-rapport tiegħu[19] fejn ikkonkluda, *inter alia*, is-segwenti:-

> *"Illi l-impronta li tidher żviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 12 DDO 301, ġiet ikkomparati pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tal-pala tal-id il-leminija ta' Clifton Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 451890(M)."* (emfasi tal-Qorti).

Ikkonsidrat;

---

[13] Dan ġie attribwit valura ta' €70 mill-ispettur Jesmond Micallef fix-xiehda tiegħu mogħtija fil-21 ta' April 2016.
[14] Ara x-xhieda mogħtija fis-16 ta' Frar 2017, a fol. 290 tal-atti proċesswali.
[15] Ara dok CA1 a fol. 292 tal-atti proċesswali.
[16] A fol. 41 tal-atti proċesswali.
[17] Ara fol. 78 tal-atti proċesswali.
[18] Ara fol. 80 tal-atti proċesswali.
[19] Ara dok JM1 a fol. 83 tal-atti proċesswali.

Illi in difeża, minkejja li l-akkużat eżerċita d-dritt tiegħu li ma jixhidx, għażel li jtella numru ta' xhieda, fosthom ommu Maria Carmen Attard,[20] it-tabib Dr George Grech,[21] it-tabiba Dr. Aloisia Camilleri[22] u r-rappreżentant tal-Caritas Malta Maria Caruana.[23] Dawn xehedu li l-akkużat għandu problema akuta ta' abbuż tad-Droga u li ilu biha madwar ħmistax-il sena. Qalu wkoll li għandu sinjali ta' mard psikoloġiku bħal depressjoni. Qalu li beda diversi programmi ta' riabilitazzjoni iżda wara ftit jabbandunhom minħabba xi raġuni jew oħra. Meta kien jipparteċipa fil-programmi, kien juri avvanzi kbar u pożittivi iżda jidher li jkollu diffikultajiet biex isegwi r-regoli tal-programmi. Daħal diversi drabi għall-kura fl-isptar Monte Carmeli u jidher li saritlu dijanjosi li aktarx għandu l-kondizzjoni ta' ADHD. Għandu problema ta' relapse mill-programmi u f'xi żmien anke kellu xi diffikultajiet mal-ġenituri tiegħi peress li kien ikun irid ħafna flus mingħandhom. L-istitutzzjonijiet li xehedu, mandakollu, wrew ix-xewqa tagħhom li jgħinuħ jegħleb dawn id-diffikultajiet però jrid javviċinhom hu u jsegwi d-direzzjonijiet tagħhom.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, l-unika prova li torbot lill-akkużat mal-akkużi odjerni huma l-impronti diġitali li ġew elevati kemm mill-fond ta' Ta Xbiex Aquatic Club kif ukoll mill-fond ta' Debono Carpet Centre fl-investigazzjoni tas-serqiet. L-espert Joseph Mallia sab riżultanzi pożittivi bejn l-impronti diġitali tal-akkużat Clifton Attard u bejn l-impronti elevati mill-imsemmija stabbilimenti.

[20] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 Settembru 2020, a fol 426 tal-atti proċesswali.
[21] Ara x-xhieda mogħtija fil-12 Marzu 2020, a fol 369 tal-atti proċesswali.
[22] Ara x-xhieda mogħtija fil-12 Marzu 2021, a fol 442 tal-atti proċesswali.
[23] Ara x-xhieda mogħtija fil-25 Settembru 2020, a fol 432 tal-atti proċesswali.

Illi l-valur probatizzju tal-impronti diġitali ġie diskuss fid-dettall f'diversi sentenzi erogati mill-Qrati nostrani. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi **Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb**[24] u **Pulizija vs Romeo Bone**[25] fejn fihom hemm rakkolta ta' diversi sentenzi u prinċipji *in materja.* A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti qed tagħhmel dak l-insenjament bħala tagħha.

Illi din il-Qorti, madanakollu tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Anthony Abela**[26] fejn jingħad is-segwenti:

> *"Fil-każ in eżami, din l-impronta diġitali tal-appellant instabet fuq il-post tas-serqa. dan mhux ikkontestat, iżda għandu jiġi kkunsidrat li dan il-post huwa ħanut u għalhekk post espost għall-pubbliku fejn ta' kuljum imorru nies u li ċertament ħafna minnhom iħallu traċċi tagħhom warajhom hemmhekk, traċċi bħal ma huma fingerprints. Dan ifisser, allura, li kull min ħalla l-marka tas-swaba tiegħu hemmhekk bilfors għandu jkun suspettat tas-serqa li saret minn dak il-ħanut? f'każ fejn għandek post pubbliku bħal ħanut, knisja, ċinema, ħwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawn ta kuljum huma frekwentati minn mijiet ta' nies, ċertament ma jistax jingħad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi ħadd f'dawk il-postijiet hija suffiċjenti biex issib ħtija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn fejn effettivament hi dik il-persuna;*
>
> *Kienet tkun ħaġa ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jiġi stabbilit li s-suspettat li nstabu l-impronti diġitali tiegħu fuq il-post, qatt ma kien daħal fih u li derubat qatt ma kien jafu jew li kien daħlu fir-residenza tiegħu. F'dan il-każ, Il-prova ta' l-fingerprint weħidha hija suffiċjenti biex il-Qorti ssib ħtija. iżda fil-*

[24] **Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb**, Qorti tal-Appell Kriminali, 31 ta' Awwissu 2006, (App. Krim. Nru 108/2006 JGD)
[25] **Il-Pulizija vs Romeo Bone**, Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 17 ta' Mejju 2016 (Każ Nru 214/2007)
[26] **Il-Pulizija vs Anthony Abela,** Qorti tal-Appell Kriminali, 28 ta' Mejju 1998.

*każ ta' postijiet pubbliċi, din il-prova tinneċessita korroborazzjoni kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti"*

Illi jirriżulta li ż-żewġ serqiet li tagħhom huwa akkużat Clifton Attard seħħew minn postijiet li huma esposti għall-pubbliku, b'mod partikolari il-fond Ta Xbiex Aquatic Club. Għalkemm huwa veru li f'dawn il-każijiet, a kuntrarju ta' residenzi privati, is-sejba ta' impronta diġitali hija prova indizzjarja, din il-Qorti hi tal-fehma li mhux għax fond ikun aċċessibbli mill-pubbliku allura impronta diġitali trid neċessarjament tkun korroborata bi provi oħrajn. Fil-fehma tal-Qorti, huwa ta importanza kbira il-lok ta' fejn instabet l-impronta diġitali għaliex filwaqt li ċerta ambjenti tal-lokal, bħal per eżempju il-bar huma aċċessibbli għall-pubbliku, ċerta ambjenti oħra, bħall-kċina jew l-istore, ma jkunux.

Illi l-impronta diġitali fir-rigward ta' Ta Xbiex Polo Club jirriżulta li l-lifter nru 10 BDL 303 ġiet elevata propju minn fuq it-tamboċċ[27] minn fejn daħlu l-malviventi. Fil-fehma tal-Qorti, minkejja li l-fond de quo huwa post frekwentat mill-pubbliku, il-lok ta' fejn instabet l-impronta diġitali m'huwiex aċċessibbli għall-pubbliku. Illi Giuseppe Dalli xehed li hu qatt ma ra lill-akkużat u l-anqas ma kien impjegat tiegħu. Illi l-Qorti se tagħti importanza lill-fatt li l-akkużat qatt ma kien impjegat tiegħu u dana għaliex it-tamboċċ jinsab f'żona fejn jekk xi ħadd għandu jkollu aċċess, huma propju l-impjegati tal-istabbiliment. Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-unika raġuni li jkun hemm biex l-impronta diġitali tal-akkużat tkun propju fuq dan it-tamboċċ hija b'rabta mas-serqa *de quo*.

[27] Ara ritratt F4 a fol. 249 tal-atti proċesswali.

Illi l-impronta diġitali fir-rigward ta' Debono Carpet Centre instabet fuq kexxun ta' skrivanija skura li tinstab fil-parti ċentrali tal-fond u li qegħdha mal-ħajt wara skrivanija oħra quddiemha ta' lewn aktar ċar.[28] Illi fix-xhieda tiegħu, Anthony Debono jikkonferma li hu ma kienx jaf lill-akkużat, qatt ma raħ u qatt ma kien jaħdem miegħu.

Illi fir-rigward tal-kexxun minn fejn instabet l-impronta diġitali, il-Qorti hi tal-fehma li l-aċċess għalih huwa limitat għall-impjegati tal-istabbiliment u dana għaliex il-kexxun jifforma parti minn skrivanija fejn l-addetti jagħmlu xogħol amministrattiv, aktar milli minn xi *display* fejn il-pubbliku huwa liberu li jmiss u jiftaħ. Illi l-istess Anthony Debono jikkonferma li l-akkużat qatt ma kien impjegat tiegħu u b'hekk m'hemm ebda raġuni għalfejn l-impronta diġitali tal-akkużat kellha tkun fuq dan il-kexxun jekk mhux, flimkien mat-taqlib li nstab fil-fond, b'rabta ma' din is-serqa.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha torbot lill-akkużat ma din is-serqa wkoll.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rgward tat-tieni u r-raba' akkuża, abbażi tal-fatt li l-prosekuzzjoni rnexxielha torbot lill-akkużat maż-żewġ fondi fil-mument li twettqu s-serqiet, il-Qorti m'għandhiex għażla oħra għajr li ssib lill-istess Clifton Attard ħati wkoll ta' dawn iż-żewġ akkużi. F'dan ir-rigward, mandakollu, il-Qorti ser tirriproduċi l-artikolu tal-liġi kif kien eżistenti fil-mument li seħħew ir-reati:

> *"**325.** Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati-*

[28] Ara ritratt FS 122121 – 12 DDO 107 f'paġna 6 u FS 122121 – 12 DDO 114 u 115 f'paġna 10 tar-rapport tal-uffiċjal tax-Xena tad-Delitt PS644 Evan Camilleri, a fol. 76 tal-atti proċesswali.

(b) *Jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri ħames mitt lira [ekwivalenti għal €1,164.69] imma jkun iżjed minn ħamsin lira [ekwivalenti għal €116.47], il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena;"*

Illi fir-rigward tad-danni, Giuseppe Dalli xehed li hu kellu ħsara ta' madwar €150 biex jirranġa l-ħġieġ tal-bieb minn fejn daħal bi ksur l-akkużat filwaqt li Anthony Debono, da parti tiegħu, xehed li l-ammont ta' ħsara biex jirranġa t-tamboċċ kien ta' bejn €100 u €150. Il-Qorti se tieħu l-ammont l-aktar favorevoli għall-akkużat, f'dan il-każ dak ta' €100. Illi minkejja li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova oħra dokumentarja sabiex tikkorrobora dawn l-ammonti, il-Qorti sejra tistrieħ fuq ix-xhieda ġuramenta ta-xiedha u dan għaliex m'hijiex kwistjoni ta' ħtija, iżda kwistjoni ta' valur ai fini ta' kalibrazzjoni tal-piena u fi kwalunkwe każ, dan hu permissibbli bl-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Illi l-ħames akkuża tirrigwardja ksur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti b'sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fl-20 ta' Mejju 2010. F'dik is-sentenza, il-Qorti illiberat lill-akkużat bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mid-data tas-sentenza, liema perjodu skada fid-19 ta' Novembru 2011.

Illi s-serqa mill-istabbiliment ta' Ta Xbiex Aquatic Club seħħet entro dan it-terminu iżda s-serqa mill-istabbiliment ta' Debono Carpet Centre seħħew wara li dan it-terminu skada. B'hekk il-Qorti se ttitratta mal-akkużat ai termini tal-Artikolu 23(a) tal-Kap. 446 fir-rigward tal-ewwel żewġ akkużi biss.

Illi l-prosekuzzjoni tat ukoll l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 talKap. 9 kif ukoll ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi b'sentenza erogata minn din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2008,[29] l-akkużat kien instab ħati li kkommetta serq ta diversi oġġetti. Illi permezz ta' din il-prova, u sentenzi oħrajn ippreżentati, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra lill-akkużat bħala li huwa riċediv.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li min-naħa l-waħda, l-akkużat ilu jxellef difrejħ mal-ġustizzja għal diversi snin, min-naħa l-oħra il-problema ċentrali hija l-abbuż tiegħu mis-sustanzi noċivi kif ukoll diffikultajiet psikoloġiċi li jista' għandu. Il-Qorti tqis ukoll li l-akkużat prova diversi drabi jattendi programmi ta' rijabilitazzjoni iżda hu abbandunhom, għal raġuni jew oħra. Il-Qorti għadha tittama li l-akkużat jista' jgħeleb id-diffikultajiet li għandu, però min-naħa hija konsapevoli li hu ngħata diversi possibilitajiet ukoll.

Għalhekk, il-Qorti fir-rigward tal-ewwel erba' akkużi sejra tapplika piena karċerarja effettiva kontra l-akkużat li, madanakollu, għandha tkun ukoll akkumpanjata minn ordni ta' trattament li, għandu jibqa' għaddej ukoll waqt li l-akkużat jiskonta l-piena fir-rigward tal-ħames akkuża dedotta kontra tiegħu, bil-għan li jkun jista' jindirizza diffikultajiet li huwa għandu.

**Deċide:**

[29] Ara Dok AB3 a fol. 179 tal-Atti proċesswali.

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280(2), 289, 325(1)(b), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **Clifton Attard <u>ħati</u>** ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkużi dedotti kontra tiegħu qed tikkundannaħ għal piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija effettivi.

Fir-rigward tal-ħames akkuża, il-Qorti qed titratta ma' Clifton Attard għar-reati li tagħhom kien ingħata liberazzjoni kondizzjonata bħal li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn din il-Qorti stess u wara li rat l-Artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-**Clifton Attard** għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għall-perjodu ta' sena.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trattament għall-perjodu komplessiv ta' sentejn (2) fir-rigward tad-dipendenza tossikoloġika tiegħu kif ukoll fir-rigward ta' kull għajnuna psikoloġika jew ta' xorta oħra li l-akkużat jista' jeħtieġ,

Illi finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-akkużat sabiex iħallas lir-reġistratur is-somma ta' elf, sitt mija u erbgħa u tletin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€1,634.84) rappreżentanti ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti kemm f'dawn il-proċeduri kif ukoll dawk li ġew maħtura fl-istadju tal-proċes-verbal tal-inkjesta, u l-proċes-verbal addizzjonali u dan fi żmien <u>sena</u> mid-data ta' din is-sentenza.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**